MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2011

Numru 604/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur J. J. Borg)**

**vs**

**PAUL MALLIA**
**RENALD ATTARD**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Paul Mallia ta' 25 sena, bin Charles u Carmen nee' Agius, imwieled Pieta' nhar it-13 ta' Awwissu 1981 u joqghod 'Fleur' Triq il-Kanun, Qormi, detentur tal-karta ta' l-identita': 453181(M)

U

Renald Attard ta' 22 sena, bin Raymond u Maria nee' Galea, imwieled Pieta' nhar it-8 ta' Ottubru, 1984, residenti 37, Triq il-Moll tal-Braken, Marsa u detentur tal-karta ta' l-identita': 499684(M)

Gew akkuzati:

a) Talli nhar l-13 ta' Gunju 2007 ghall-habta tad-9.30am fi Sqaq il-Beccun Handaq L/O Qormi, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' Owen Jones f'periklu car, ikkagunawlu griehi ta' natura gravi fil-gisem jew fis-sahha, skond kif iccertifikaw Dr. Kenneth Muscat MD u Dr. Dorian Xuereb MD, (skond l-Art 214, 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

b) Aktar talli fl-istess data u cirkustanzi, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Owen Jones kontra l-volonta tieghu (skond l-Art 86 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

c) Aktar talli hebbew ghal persuna ta' Owen Jones sabiex jingurjawha, idejquha jew jaghmlu hsara lil din il-persuna (skond l-Art. 339d tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

d) Aktar talli volontarjament kisru l-buon ordni u l-paci pubbliku b'ghajjat u glied. (skond l-Art. 339dd tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

U lil Renald Attard wahdu talli rrenda ruhu recidiv b'sentenza tal-Qorti ta' Malta ippreseduta mill-Magt, Dr. S. Demicoli LLD nhar l-4 ta' Marzu 2004, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tipprovdi skond l-Art. 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghad-detriment ta' Owen Jones.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok JB1 u nnutat li l-imputati m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputati iddikjaraw li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Jesmond J. Borg ghall-Prosekuzzjoni, Dr Kathleen Grima ghal-imputat Paul Mallia u Dr Yanika Bugeja ghall-imputat Renald Attard iddikjaraw li jaqblu li meta sehhew ir-reati kien jissussisti element ta' provokazzjoni da parti tal-parte civile Owen Jones.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Jesmond J. Borg ghall-Prosekuzzjoni u Dr Yanika Bugeja ghall-imputat Renald Attard iddikjaraw li jaqblu li tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz ikun opportun li l-Qorti tikkunsidra l-possibbilta' li l-imputat Renald Attard jitpogga taht Ordni ta' Probation ghall-fini li tigi ndirizzata l-problema ta' *anger management* u sabiex ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront tal-imputat Paul Mallia l-artikoli 17, 214, 216, 86, 339(1)(d) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Paul Mallia, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali tal-imputat Paul Mallia u dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur

Jesmond J. Borg ghall-Prosekuzzjoni, Dr Kathleen Grima ghall-imputat Paul Mallia u Dr Yanika Bugeja ghall-imputat Renald Attard fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, tillibera lill-istess imputat Paul Mallia taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u inoltre tikkundanna lill-imsemmi imputat Paul Mallia ghall-piena ta' Ewro mitejn u tlieta u tletin (Ewro 233) multa.

Rat fil-konfront tal-imputat Renald Attard l-artikoli 17, 31, 49, 50, 214, 216, 86, 339(1)(d) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Renald Attard, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Jesmond J. Borg ghall-Prosekuzzjoni, Dr Kathleen Grima ghall-imputat Paul Mallia u Dr Yanika Bugeja ghall-imputat Renald Attard fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza u dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur Jesmond J. Borg ghall-Prosekuzzjoni u Dr Yanika Bugeja ghall-imputat Renald Attard fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta li tpoggi lill-imputat Renald Attard taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili u sabiex l-imputat Renald Attard jkun assistit rigward il-problema ta' *anger management* u inoltre tikkundanna lill-imsemmi imputat Renald Attard ghall-piena ta' Ewro mitejn u tlieta u tletin (Ewro 233) multa.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputati Paul Mallia u Renald Attard b'obbligazzjoni personali ta' Ewro elf u hames mija (Ewro 1500) kull wiehed li jzommu il-kwiet ma' Owen Jones u li jzommu il-bonordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.

Il-Qorti tordna li d-Digriet anness ma' din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation Order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tornda n-notifika ta' kopja ta' din is-Sentenza u tad-Digriet anness ma' din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputat Renald Attard.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imsemmi Renald Attard kull sitt (6) xhur.

Finalment il-Qorti qeda taghti lill-imputat Paul Mallia l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta u lill-imputat Renald Attard l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------